MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru 1082/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**PAUL FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Farrugia ta’ 58 sena, bin il-mejjet Crispino u Antonia nee Spiteri, imwieled Hal Tarxien, fl-10 ta’ Frar, 1948 u joqghod fil-font: Nru. 4, 'Tania's', Triq il-Hamsa u Ghoxrin ta' Marzu, Hal Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 0186248(M).

A) Gie akkuzat talli, filwaqt li kien fi Triq it-Tarzna, kantuniera ma' Triq Sammat, Rahal Gdid, nhar il-25 ta' Lulju, 2006, ghall-habta tad-9.30 ta' filghodu, dolozament bil-hsieb li jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shemizen Scicluna mill-Kalkara, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi saq vettura ta' l-ghamla Peugeot, mudell 205, bin-numru tar-registrazzjoni: AAT-936, fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma' giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu u dana ai termini ta' l-artikli 41, 214 u 216 (1)(a)(b) Tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) Akkuzat ukoll talli, nhar il-25 ta' Lulju, 2006, ghall-habta tad-9.30 ta' filghodu, filwaqt li kien fi Triq it-Tarzna, kantuniera ma' Triq Sammat, Rahal Gdid, saq il-vettura ta' l-ghamla Peugeot, mudell 205, bin-numru tar-registrazzjoni: AAT-936, b'manjiera perikoluza u b'velocita' eccessiva u dana bi ksur ta' l-artiklu 15(1) u l-iskeda 2 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

C) Talli fl-istess data, hin u lok, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Shemizen Scicluna, skond kif iccertifikat minn Dr. Robert Gauci M.D., (Warrant Mediku bin-numru: 2943), it-tabib tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-artiklu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

D) U aktar talli, fl-istess data, hin u lok, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Elton John Zammit, skond kif iccertifikat minn Dr. Alessandra Portelli M.D., (Warrant Mediku bin-numru: 2180), it-tabiba tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-artiklu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

E) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi wara li gie ipprovokat, ingurja lil Shemizen Scicluna mill-Kalkara, b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta' l-artiklu 339 (1)(e) Tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, stieden ghall-glied lil Elton John Zammit, Shemizen Scicluna u Shtien Scicluna mill-Kalkara.

G) U aktar talli, fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta' Elton John Zammit, Shemizen Scicluna u Shtien Scicluna sabiex jingurjahom jew jaghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta' l-artiklu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

H) Talli fl-istess data, hin u lok, ingurja u hedded lil Elton John Zammit u Shemizen Scicluna u dana bi ksur ta' l-artiklu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

I) U aktar talli, fl-istess data, hin u lok, qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

J) Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u il-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta' Paul Farrugia u dan skond kif inhu mitlub fl-art. 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali mmarkat bhala Dok. JB1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tal-imputat fis-Seduta tallum l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi B), I) u J) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-kosegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi B), I) u J) migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Ian Farrugia ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li fis-Seduta tal-11 ta' Settembru 2007 kien sar l-ezami ta' l-imputat u l-imputat kien iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. In oltre, iddikjaraw li wara li ezaminaw ir-rikostruzzjoni tal-process, huma sodisfatti b'tali rikostruzzjoni u li in kwantu ghad-dokumentazzjoni li ghadha nieqsa ippresentata mill-imputat fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009 u li kienu gew esebiti mill-imputat bhala DOK PF1 u DOK PF2 rispettivament iddikjaraw li ma jinsistux ghal-tali dokumentazzjoni. Iddikjaraw ukoll li qeghdin jezentaw lill-Qorti milli jigu ripetuti il-proceduri kollha li diga' saru inkluzi smiegh ta' xhiedha u produzzjoni ta' dokumenti u awtorizzaw il-Qorti biex tiffirma l-atti kollha tal-kawza kif rikostruwiti.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-akkuza A) migjuba kontra l-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza C) migjuba kontra l-istess imputat u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija akkuza A) migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-art. 15(1)(a), 15(2) u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65, ir-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128/1994 u l-artikoli 17, 338 (bb) u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Paul Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi B), I) u J) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputat Paul Farrugia taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess

imputat Paul Farrugia ghal-piena ta’ sittin Ewro (Ewro 60) ammenda.

Rigward l-akkuza A) migjuba kontra l-imputat Paul Farrugia, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza A) migjuba kontra l-imputat.

In kwantu tal-akkuzi C), D) u E) migjuba kontra l-imputat il-Qorti tiddikjara procediment esawrit fir-rigward ta' dawn l-akkuzi stante rinunzja tal-parte civile Shemizen Scicluna nkwantu ghall-akkuza C), il-parte civile Elton John Zammit inkwantu ghall-akkuza D) u l-parte civile Shemizen Scicluna nkwantu ghall-akkuza E).

In kwantu ghall-akkuzi F) u G) migjuba kontra l-imputat Paul Farrugia il-Qorti tiddikjara procediment esawrit fir-rigward ta' dawn l-akkuzi stante rinunzja da parti tal-parte civile Elton John Zammit u Shemizen Scicluna u tiddikjara lill-imputat Paul Farrugia liberat minn dawn l-akkuzi stante li mhux sufficjentement ippruvati fejn dawn l-akkuzi jirrigwardaw il-parte civile Shtien Scicluna.

In kwantu ghall-akkuza H) migjuba kontra l-imputat Paul Farrugia il-Qorti tiddikjara procediment esawrit stante rinunzji da parti tal-parte civile Elton John Zammit u Shemizen Scicluna.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Paul Farrugia milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Paul Farrugia, b' obbligazzjoni personali ta’ hames mitt Ewro (Ewro 500) li jzomm il-bonordni ma' kulllhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------